IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 16.7.2026
COM(2026) 155 final

2026/0197 (BUD)

Proposta għal

# DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati wara applikazzjoni mill-Belġju – EGF/2026/001 BE/Cora**

MT MT

# MEMORANDUM TA’ SPJEGAZZJONI

## KUNTEST TAL-PROPOSTA

1. Ir-regoli applikabbli għall-kontribuzzjonijiet finanzjarji mill-Fond Ewropew ta’ Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati (FEG) huma stabbiliti fir-Regolament (UE) 2021/691 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta’ April 2021 dwar il-Fond Ewropew ta’ Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati (FEG) u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1309/2013[1].

2. Fil-25 ta’ Marzu 2026, il-Belġju ssottometta applikazzjoni EGF/2026/001 BE/Cora għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG, wara s-sensji f’Cora SA u f’fornitur u produttur downstream wieħed fil-Belġju.

3. Wara l-valutazzjoni li għamlet ta’ din l-applikazzjoni, il-Kummissjoni kkonkludiet li, f’konformità mad-dispożizzjonijiet kollha applikabbli tar-Regolament (UE) 2021/691, il-kundizzjonijiet għall-għoti ta’ kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG ġew issodisfati.

## SOMMARJU TAL-APPLIKAZZJONI

| | |
|---|---|
| L-applikazzjoni tal-FEG | EGF/2026/001 BE/Cora |
| Stat Membru | Il-Belġju |
| Reġjun(i) ikkonċernat(i) (livell NUTS[2] 2) | Région de Bruxelles-Capitale/<br>Brussels Hoofdstedelijk Gewest (BE10),<br>Province Hainaut (BE32),<br>Province Liège (BE33),<br>Province Luxembourg (BE34). |
| Data tal-preżentazzjoni tal-applikazzjoni | 25 ta' Marzu 2026 |
| Data tal-konferma tal-wasla tal-applikazzjoni | 13 ta' April 2026 |
| Data tat-talba għal informazzjoni addizzjonali | 13 ta' April 2026 |
| Skadenza għall-għoti tal-informazzjoni addizzjonali | 5 ta' Mejju 2026 |
| Skadenza għat-tlestija tal-valutazzjoni | 17 ta' Lulju 2026 |
| Kriterju ta’ intervent | L-Artikolu 4(2), il-punt (a), tar-Regolament (UE) 2021/691 |
| Intrapriża primarja | Cora SA |
| Settur tal-attività ekonomika (diviżjoni NACE Reviżjoni 2)[3] | Diviżjoni 47 (Kummerċ bl-imnut, għajr tal-vetturi bil-mutur u l-muturi)[4], u |

1 ĠU L 153, 3.5.2021, p. 48, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/691/oj.

2 Regolament Delegat tal-Kummissjoni 2019/1755 tat-8 ta’ Awwissu 2019 li jemenda l-Annessi tar-Regolament (KE) Nru 1059/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment ta’ klassifikazzjoni komuni ta’ unitajiet territorjali għall-istatistika (NUTS). ĠU L 270, 24.10.2019, p. 1–56.

3 ĠU L 393, 30.12.2006, p. 1.

| | Diviżjoni 49 (Trasport fuq l-art u trasport permezz ta' pipelines) |
|---|---|
| Għadd ta' sussidjarji, ta' fornituri u ta' produtturi downstream | 1 |
| Perjodu ta' referenza (4 xhur): | 1 ta' Settembru 2025 – 1 ta' Jannar 2026 |
| Għadd ta' sensji matul il-perjodu ta' referenza (*a*) | 662 |
| Għadd ta' sensji qabel jew wara l-perjodu ta' referenza (*b*) | 595 |
| Għadd totali ta' sensji (*a* + *b*) | 1 257 |
| Għadd totali ta' benefiċjarji eliġibbli | 1 257 |
| Għadd totali ta' benefiċjarji fil-mira | 1 010 |
| Baġit għal servizzi personalizzati (EUR) | 4 441 774 |
| Baġit għall-implimentazzjoni tal-FEG[5] (EUR) | 54 062 |
| Baġit totali (EUR) | 4 495 836 |
| Kontribuzzjoni tal-FEG (85 %) (EUR) | 3 821 460 |

## VALUTAZZJONI TAL-APPLIKAZZJONI

### Proċedura

4. Il-Belġju ssottometta l-applikazzjoni EGF/2026/001 BE/Cora fi żmien 12-il ġimgħa mid-data li fiha ġew issodisfati l-kriterji ta' intervent stabbiliti fl-Artikolu 4(2), il-punt (a) tar-Regolament (UE) 2021/691, fit-25 ta' Marzu 2026. Fit-13 ta' April 2026, il-Kummissjoni kkonfermat li rċeviet l-applikazzjoni u talbet informazzjoni addizzjonali mingħand il-Belġju. Tali informazzjoni addizzjonali ngħatat fi żmien 15-il jum ta' xogħol mit-talba. Il-perjodu ta' 50 jum ta' xogħol mill-wasla tal-applikazzjoni kompluta li fiha l-Kummissjoni jenħtieġ li tiffinalizza l-valutazzjoni tagħha tal-konformità tal-applikazzjoni mal-kundizzjonijiet għall-għoti ta' kontribuzzjoni finanzjarja jiskadi fis-17 ta' Lulju 2026.

### Eliġibbiltà tal-applikazzjoni

*Intrapriżi u benefiċjarji kkonċernati*

5. L-applikazzjoni hija relatata ma' 662 ħaddiem li l-attività tagħhom fil-Cora SA u f'wieħed mill-fornituri tagħha waqfet. L-intrapriża primarja kienet topera fis-settur ekonomiku klassifikat taħt id-diviżjoni 47 tan-NACE Reviżjoni 2 (Kummerċ bl-imnut, ħlief il-vetturi motorizzati u l-muturi). L-impjiegi li ntilfu mill-Cora u mill-fornitur tagħha jinsabu primarjament fir-reġjun NUTS 2 tal-Province Liège (BE32).

| **Intrapriżi u għadd ta' sensji matul il-perjodu ta' referenza** | | | |
|---|---|---|---|
| Cora | 621 | STEF Logistics Courcelles | 41 |
| **Għadd totali ta' intrapriżi: 2** | | **Għadd totali ta' sensji:** | **662** |

[4] Is-settur tal-attività ekonomika għal Cora huwa l-bejgħ bl-imnut u għall-fornitur tagħha huwa t-trasport fuq l-art.

[5] F'konformità mal-Artikolu 7(5) tar-Regolament (UE) 2021/691.

| Intrapriżi u għadd ta’ sensji matul il-perjodu ta’ referenza | |
|---|---|
| **Għadd totali ta’ ħaddiema eliġibbli:** | **662** |

*Kriterji ta’ intervent*

6. Il-Belġju ssottometta l-applikazzjoni skont il-kriterji ta’ intervent tal-Artikolu 4(2), il-punt (a), tar-Regolament (UE) 2021/691, li jirrikjedi l-waqfien tal-attività ta’ mill-inqas 200 ħaddiem issensjat fuq perjodu ta’ referenza ta’ 4 xhur f’intrapriża fi Stat Membru, inklużi ħaddiema ssensjati li kienu jaħdmu ma’ fornituri u ma’ produtturi downstream.

7. Il-perjodu ta’ referenza ta’ 4 xhur għall-applikazzjoni jibda mill-1 ta’ Settembru 2025 u jispiċċa fl-1 ta’ Jannar 2026.

8. Matul il-perjodu ta’ referenza kien hemm 662 impjieg li ntilef.

*Kalkolu tas-sensji u tal-waqfien ta’ attività*

9. Skont l-Artikolu 6, l-ewwel paragrafu, il-punt (a), flimkien mal-Artikolu 5, l-ewwel paragrafu, il-punt (c), tar-Regolament (UE) 2021/691, l-għadd tal-ħaddiema kollha affettwati mis-sensji matul il-perjodu ta’ referenza ġie kkalkolat mid-data tat-terminazzjoni *de facto* tal-kuntratt tal-impjieg jew l-iskadenza tiegħu.

*Benefiċjarji eliġibbli*

10. Minbarra s-662 ħaddiem diġà msemmijin, il-benefiċjarji eliġibbli jinkludu 595 ħaddiem issensjat li l-attività tagħhom waqfet qabel jew wara l-perjodu ta’ referenza ta’ 4 xhur. Dawn il-ħaddiema kollha waqqfu l-attività tagħhom fis-6 xhur ta’ qabel il-bidu tal-perjodu ta’ referenza fl-1 ta’ Settembru 2025 u/jew bejn it-tmiem tal-perjodu ta’ referenza u l-jum ta’ qabel l-adozzjoni ta’ din il-proposta, skont l-Artikolu 6, l-ewwel paragrafu, il-punt (b), tar-Regolament (UE) 2021/691, kif meħtieġ mill-Artikolu 6, it-tieni paragrafu, tar-Regolament (UE) 2021/691. Tista’ tiġi stabbilita rabta kawżali ċara mal-event li wassal għall-waqfien tal-attività tal-ħaddiema ssensjati matul il-perjodu ta’ referenza kif meħtieġ mill-Artikolu 6, it-tieni paragrafu, tar-Regolament (UE) 2021/691.

11. L-għadd totali ta’ benefiċjarji eliġibbli huwa 1 257.

*Deskrizzjoni tal-avvenimenti li wasslu għas-sensji u għall-waqfien tal-attività*

12. Il-mudell tal-hypermarkets bħalissa qed jiffaċċja sfidi sinifikanti. It-tibdil fid-drawwiet tal-konsumaturi — ix-xerrejja qed jippreferu dejjem aktar mawriet ta’ ftit ħin u konvenjenti — flimkien maż-żieda fix-xiri tal-merċa online naqqas il-ħtieġa li wieħed iżur ħwienet kbar. Intensifikat ukoll il-kompetizzjoni minn formati ġodda ta’ bejgħ bl-imnut: is-supermarkets fil-viċinat u l-ħwienet speċjalizzati, bħall-bejjiegħa bl-imnut ta’ prodotti organiċi u gourmet, qed ikabbru sehemhom fis-suq. Barra minn hekk, il-kostijiet operatorji ogħla assoċjati mal-mudell tal-hypermarkets, meta mqabblin ma’ formati ta’ ħwienet iżgħar jew diġitali, poġġew pressjoni fuq il-profittabbiltà.

13. Biex tadatta għal dawn il-bidliet fis-suq u ttejjeb il-pożizzjoni finanzjarja tagħha, il-Cora implimentat diversi inizjattivi, bħal pjanijiet multipli ta’ rkupru (introdotti fl-2014, fl-2017, u fl-2023), rikapitalizzazzjonijiet li jammontaw għal kważi EUR 112-il miljun mill-2020 ’l hawn, u kollaborazzjonijiet kummerċjali strateġiċi mal-Carrefour u mal-Intermarché.

14. Iż-żieda fl-inflazzjoni tefgħet piż fuq il-kostijiet operatorji. Mill-2021 ’l hawn, il-kostijiet tal-pagi fis-siegħa ġarrbu għaxar żidiet suċċessivi marbutin mal-indiċi li rriżultaw f’żieda kumulattiva ta’ aktar minn 20 %. Fl-2024, il-Cora rrappurtat telf ta’ EUR 34 miljun u tnaqqis ta’ 6,1 % fid-dħul. Matul il-perjodu 2020–2024, il-marġni gross tal-Cora naqas b’EUR 16,1 miljun, filwaqt li l-EBITDA[6] ddeterjora minn EUR -3,7 miljun għal EUR -22,5 miljun, u kkontribwixxa għal telf nett kumulattiv ta’ EUR 123 miljun[7].

15. Minkejja l-isforzi li għamlet, il-Cora ma setgħetx ittejjeb il-pożizzjoni finanzjarja tagħha. Għalhekk, minn Settembru 2025 l-intrapriża tat bidu għal sensji kollettivi f’mewġiet suċċessivi permezz ta’ stralċ gradwali tal-operazzjonijiet.

*Impatt mistenni tas-sensji rigward l-ekonomija lokali, reġjonali jew nazzjonali u l-impjiegi*

16. Is-sensji mogħtijin mill-Cora jirrappreżenta xokk soċjali kbir għall-Wallonia, peress li qed iseħħu f’suq tax-xogħol diġà mdgħajjef minn avvenimenti oħrajn ta’ ristrutturar bħat-TNT-FedEx[8] il-Makro[9], jew il-Liberty[10], li għalihom ukoll il-Belġju applika għall-appoġġ mill-FEG.

17. Ir-rata tal-qgħad fil-Belġju hija ta’ 6,4 %[11], kemxejn ogħla mill-medja tal-UE (5,8 %)[12]. Ir-rata tal-qgħad fil-Wallonia hija 8,3 %[13], madwar 2 punti perċentwali (pp) ogħla mir-rata nazzjonali.

18. Filwaqt li jikkwota data minn Statbel, il-Belġju jenfasizza li r-rati tal-impjiegi fil-Wallonia huma influwenzati ħafna kemm mill-età kif ukoll mil-livell edukattiv milħuq, b’distakki ta’ minn 23 sa 30 punt perċentwali bejn il-livelli suċċessivi ta’ kwalifiki. Fost l-adulti fl-età tax-xogħol, ir-rata tal-impjiegi tilħaq biss 31 % għal dawk b’livell edukattiv baxx, meta mqabbla ma’ 61 % għal dawk bi kwalifiki intermedji u 84 % għal dawk b’livelli għoljin[14]. Sadanittant, filwaqt li r-rata tal-impjiegi għall-grupp ta’ età bejn il-25 u d-49 sena hija ta’ 77 %, din tonqos b’16-il punt perċentwali għall-individwi ta’ 50 sena u aktar[15].

19. Il-Cora kellha żewġ ħwienet fi Brussell[16] u ħamsa fil-Wallonia. Is-sensji jikkonċernaw primarjament il-provinċja ta’ Hainaut fil-Wallonia, fejn kien hemm ukoll is-servizzi ġenerali tal-Cora.

20. Hainaut huwa suq tax-xogħol żvantaġġat. F’Diċembru 2025, ir-rata tal-persuni qiegħda rreġistrati li qed ifittxu impjieg f’Hainaut kienet 17,6 %, (+ 1,5 punti perċentwali sena wara sena)[17]. F’Hainaut hemm 41 % ta’ dawk li qed ifittxu impjieg fil-Wallonia, u l-qgħad fit-tul huwa prevalenti: 68 % tal-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg ilhom qiegħda għal aktar minn 12-il xahar. Kważi żewġ terzi ta’ dawk qiegħda fit-tul li qed ifittxu impjieg lestew biss it-tieni jew it-tielet ċiklu tal-iskola

[6] Il-Qligħ qabel l-Imgħax, it-Taxxa, id-Deprezzament u l-Amortizzament.
[7] Informazzjoni magħmula pubblika mill-Cora fil-Kunsill Straordinarju tax-Xogħol li sar fit-8 ta’ April 2025.
[8] COM(2023) 69
[9] COM(2023) 470
[10] COM(2026) 4
[11] Eurostat. Qgħad aġġustat skont l-istaġun. Jannar 2026.
[12] Eurostat.Ir-rata tal-qgħad fl-UE. Jannar 2026.
[13] Statbel. Ir-rata tal-qgħad Q42025.
[14] Statbel (Employment and unemployment. 2025).
[15] Statbel (Employment and unemployment. 2025).
[16] Région de Bruxelles-Capitale/Brussels Hoofdstedelijk Gewest
[17] Le Forem. Le marché de l’emploi en Wallonie en 2025.

sekondarja[18]. Fir-rigward tal-età tagħhom, il-grupp ta' dawk li għandhom bejn il-15 u d-29 sena jirrappreżenta l-akbar numru ta' persuni li qed ifittxu impjieg (30 %), segwit mill-grupp ta' dawk li għandhom aktar minn 50 sena (26 %)[19].

21. Tmienja minn kull għaxar ħaddiema ssensjati għandhom livell edukattiv sekondarju tat-tieni livell jew aktar baxx. Fir-rigward tal-età, madwar nofshom għandhom 50 sena jew aktar. Konsegwentement, sostenn imfassal apposta u msaħħaħ għar-rikollokament u gwida vokazzjonali, flimkien ma' opportunitajiet ta' titjib tal-ħiliet u taħriġ mill-ġdid, huma essenzjali biex tiġi ffaċilitata t-tranżizzjoni tagħhom lejn impjieg ġdid.

22. Il-Belġju qed japplika għal kofinanzjament mill-FEG esklużivament biex jappoġġa lil dawk li kienu ħaddiema tal-Cora u li joqogħdu fil-Wallonia. Minħabba l-għadd relattivament żgħir ta' ħaddiema affettwati fi Brussell, l-awtoritajiet reġjonali huma tal-fehma li s-servizzi pubbliċi tal-impjiegi jistgħu jipprovdu appoġġ adegwat mingħajr il-ħtieġa ta' riżorsi addizzjonali.

**Applikazzjoni tal-Qafas tal-UE dwar il-Kwalità għall-antiċipazzjoni tal-bidla u r-ristrutturar (QFR)**

23. Il-Belġju ddeskriva kif tqiesu r-rakkomandazzjonijiet stabbiliti fil-Qafas ta' Kwalità tal-UE għall-antiċipazzjoni tal-bidla u r-ristrutturar.

24. Il-Cora kkonformat mal-liġi Belġjana dwar is-sensji kollettivi, li tistabbilixxi proċedura obbligatorja biex jiġu infurmati u kkonsultati r-rappreżentanti tal-ħaddiema. Il-proċedura tagħmilha possibbli li tiġi esplorata kwalunkwe possibbiltà li jiġi evitat jew jitnaqqas l-għadd ta' sensji. Tfittex ukoll li ttaffi l-konsegwenzi tat-telf ta' impjiegi permezz ta' miżuri soċjali komplementari, bħall-appoġġ għar-riallokazzjoni jew għat-taħriġ mill-ġdid tal-ħaddiema ssensjati. In-negozjati żguraw baġit speċifiku ta' EUR 1 898 000 biex ikopri l-kostijiet tat-taħriġ mill-ġdid.

25. Fir-rigward tal-attivitajiet imwettqin biex jgħinu lill-ħaddiema ssensjati, il-Belġju rrapporta li l-liġi nazzjonali tax-xogħol[20] dwar il-ġestjoni attiva tar-ristrutturar tirrikjedi li l-intrapriżi li jkunu qegħdin jiġu rristrutturati jistabbilixxu unità tal-impjiegi (*cellule pour l'emploi)*[21], li l-għan tagħha jkun li tipprovdi lill-ħaddiema li jkunu ngħataw is-sensja fil-kuntest ta' sensji kollettivi, bi 30 siegħa ta' servizzi ta' rikollokament f'perjodu ta' 3 xhur (60 siegħa f'6 xhur għall-ħaddiema ta' 45 sena u aktar).

26. Il-leġiżlazzjoni reġjonali tal-Wallonia[22] tipprevedi appoġġ speċifiku għall-ħaddiema li ngħataw is-sensja, fil-forma ta' unità ta' riallokazzjoni (*cellule de reconversion)*[23] mis-Servizz Pubbliku Reġjonali għall-Impjiegi u t-Taħriġ Vokazzjonali (Le Forem), fuq it-talba tal-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tal-ħaddiema. L-unità ta' riallokazzjoni ma tikkostitwixxix obbligu għall-impjegatur, u lanqas għal-Le Forem. L-implimentazzjoni tal-miżuri kofinanzjati tal-FEG se tiġi ġestita permezz ta' tali unità ta' riallokazzjoni.

---

18 Fil-Belġju, l-edukazzjoni sekondarja tikkonsisti fi tliet ċikli ta' sentejn kull wieħed: L-ewwel ċiklu (*secondaire de base*), it-tieni ċiklu *(secondaire deuxième degré)*, u t-tielet ċiklu (*secondaire troisième degré)*.

19 Le Forem. Stats emploi.

20 Id-Digriet Irjali (Arrêté Royal) tal-10 ta' Novembru 2006 li jemenda d-Digriet Irjali tad-9 ta' Marzu 2006.

21 Le Forem. Restructuring event: employment units.

22 Id-Digriet tal-Gvern tal-Wallonia tad-29 ta' Jannar 2004, kif emendat bid-Digriet tat-30 ta' April 2009.

23 Le Forem. Restructuring event: redeployment units.

27. Fir-rigward tal-attivitajiet imwettqin biex jassistu lill-ħaddiema ssensjati, il-Belġju rrapporta li l-unità ta' riallokazzjoni twaqqfet fl-1 ta' Ottubru 2025, ftit wara li seħħew l-ewwel sensji.

*Kumplimentarjetà ma' azzjonijiet iffinanzjati minn fondi nazzjonali jew tal-Unjoni*

28. Il-Belġju kkonferma li l-miżuri deskritti hawn taħt li jirċievu kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG ma humiex se jirċievu wkoll kontribuzzjonijiet finanzjarji minn strumenti finanzjarji oħra tal-Unjoni.

29. Il-pakkett koordinat ta' servizzi personalizzati jikkomplementa azzjonijiet iffinanzjati minn fondi oħrajn nazzjonali jew tal-UE.

*Proċeduri għall-konsultazzjoni mal-benefiċjarji fil-mira, mar-rappreżentanti tagħhom, mas-sħab soċjali jew mal-awtoritajiet lokali u reġjonali*

30. Il-Belġju indika li l-pakkett ikkoordinat ta' servizzi personalizzati tfassal f'konsultazzjoni mal-benefiċjarji fil-mira, mar-rappreżentanti tagħhom, u mas-sħab soċjali, f'konformità mal-Artikolu 7(4) tar-Regolament (UE) 2021/691.

31. Biex jiġu ffaċilitati t-tranżizzjonijiet tal-ħaddiema lejn impjiegi ġodda, il-Le Forem, it-trade unions (FGTB[24] u CSC[25]), u sħab oħrajn iltaqgħu fid-29 ta' Settembru 2025. Il-laqgħa għenet biex jiġu vvalutati l-ħtiġijiet b'rabta mat-taħriġ mill-ġdid tal-ħaddiema. Il-konsulenti soċjali, li kienu appoġġaw lill-ħaddiema wara li ġew issensjati, ġew ikkonsultati wkoll. B'riżultat ta' dan, ġie żviluppat pakkett ikkoordinat ta' miżuri tal-FEG, li jikkonforma mal-Artikolu 7(4) tar-Regolament (UE) 2021/691.

**Benefiċjarji fil-mira u azzjonijiet proposti**

*Benefiċjarji fil-mira*

32. L-għadd stmat ta' ħaddiema ssensjati li mistennijin jipparteċipaw fil-miżuri huwa 1010. Skont l-Artikolu 8(7), il-punt (f), tar-Regolament (UE) 2021/691, id-diżaggregazzjoni pprovduta ta' dawn il-ħaddiema skont il-ġeneru, il-grupp ta' età u l-livell ta' edukazzjoni hija kif ġej:

| Kategorija | | Numru ta' benefiċjarji previsti | |
|---|---|---|---|
| Ġeneru: | Irġiel: | 472 | (46,7 %) |
| | Nisa: | 538 | (53,3 %) |
| | Persuni mhux binarji | 0 | (0,0 %) |
| Grupp ta' età: | Taħt it-30 sena: | 44 | (4,4 %) |
| | 30–54 sena: | 667 | (66,0 %) |
| | 'Il fuq minn 54 sena: | 299 | (29,6 %) |
| Livell edukattiv | Edukazzjoni sekondarja tal- | 120 | (11,9 %) |

[24] Fédération générale du travail de Belgique.
[25] Confédération des syndicats chrétiens

| | | | |
|---|---|---|---|
| | ewwel livell jew inqas[26] | | |
| | Edukazzjoni sekondarja tat-tieni livell[27] jew postsekondarja[28] | 741 | (73,4 %) |
| | Edukazzjoni terzjarja[29] | 149 | (14,7 %) |

*Il-miżuri proposti*

33. Skont l-Artikolu 8(7), il-punt (h), tar-Regolament (UE) 2021/691, il-pakkett koordinat personalizzat li jrid jiġi pprovdut lill-ħaddiema ssensjati jikkonsisti mill-miżuri li ġejjin:

– Rikollokament u gwida vokazzjonali: Dawn is-servizzi huma mogħtijin minn tim ta' konsulenti vokazzjonali li jispeċjalizzaw f'avvenimenti ta' ristrutturar u ta' ħaddiema ta' appoġġ soċjali, li tipikament ikunu magħżulin mir-rappreżentanti tal-impjegati tal-kumpanija. Il-konsulenti joffru servizzi ta' rikollokament, gwida għall-karriera, u appoġġ għar-riintegrazzjoni professjonali permezz ta' sessjonijiet ta' konsulenza u kkowċjar individwali u fi gruppi. Sadanittant, il-ħaddiema ta' appoġġ soċjali jassistu fil-proċeduri amministrattivi relatati mal-bidliet fl-istatus tal-impjieg u jgħinu biex jippreservaw qafas kollettiv ta' solidarjetà fost l-impjegati.

– Ċertifikazzjoni tal-ħiliet: L-eks impjegati tal-Cora jista' jkollhom il-ħiliet professjonali tagħhom iċċertifikati permezz tal-Konsorzju għall-Validazzjoni tal-Ħiliet[30]. Il-Konsorzju jorganizza valutazzjonijiet ta' validazzjoni mfasslin apposta bbażati fuq il-profili u l-ħtiġijiet tal-ħaddiema. Iċ-ċertifikazzjoni tal-ħiliet tgħin biex tiġi żgurata u aċċellerata r-riintegrazzjoni fid-dinja tax-xogħol, filwaqt li tippermetti wkoll perkorsi ta' taħriġ aktar effettivi.

– Taħriġ: Se jiġi offrut taħriġ speċifiku biex jaqdi l-ħtiġijiet identifikati tal-ħaddiema, wara t-tfassil ta' profili u l-qbil ta' proġetti individwali mal-konsulenti vokazzjonali. Tali taħriġ jikkomplementa l-programmi ta' taħriġ standard tal-Le Forem u dawk tas-sħab tiegħu. Żewġ moduli tal-IT, imfasslin biex jiżviluppaw u jsaħħu l-awtonomija diġitali, jiġu offruti lill-ħaddiema bħala taħriġ trażversali.

– Appoġġ biex jinħoloq negozju: Din il-miżura hija mmirata lejn il-ħaddiema li jfittxu li jibdew l-intrapriża tagħhom stess u tinkludi fażi dijanjostika u ta' gwida, attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni dwar l-intraprenditorija, sessjonijiet ta' informazzjoni dwar l-opportunitajiet tal-ħolqien tan-negozju (ibbażati fuq analiżijiet ekonomiċi territorjali), u networking ma' intraprendituri stabbiliti u kowċis iċċertifikati fil-qasam tal-ħolqien tan-negozju.

– Kontribuzzjoni għall-ħolqien ta' negozji ġodda: Il-ħaddiema li jibdew negozju jew attività għal rashom se jirċievu kontribuzzjoni ta' sa EUR 15 000. Il-

26 ISCED 0-2
27 ISCED 3
28 ISCED 4
29 ISCED 5-8
30 https://www.validationdescompetences.be/

kontribuzzjoni se titħallas f'żewġ pagamenti parzjali, u se tkun suġġetta għall-verifikazzjoni tal-varar u l-progressjoni tal-attività ta' negozju permezz ta' dokumenti ta' sostenn.

– Inċentivi u allowances: (1) Benefiċċji għat-tiftix ta' impjieg. Il-ħaddiema se jirċievu EUR 2 għal kull siegħa ta' parteċipazzjoni effettiva f'attivitajiet ta' tiftix ta' impjieg li huma intitolati għall-benefiċċju. (2) Allowance għal min jerġa' jibda jistudja. Se tingħata allowance ta' EUR 350 fix-xahar lill-ħaddiema li jibdew studji sekondarji jew terzjarji full-time, jew taħriġ li jikkwalifika biex jiksbu l-ħiliet neċessarji għal impjiegi li hemm domanda għalihom u li għalihom ir-reklutaġġ huwa diffiċli jew marbut ma' funzjonijiet kritiċi[31]. (3) Allowances għall-ħolqien tan-negozju. Biex il-ħaddiema jiġu appoġġati waqt it-twaqqif ta' negozju, se jingħata benefiċċju ta' EUR 350 fix-xahar għal massimu ta' 12-il xahar jew sa 18-il xahar taħt ċerti kundizzjonijiet.

34. It-taħriġ imfassal biex tiġi żviluppata u tissaħħaħ l-awtonomija diġitali, li jikkomplementa l-programm standard tal-ħiliet diġitali tal-Forem, flimkien ma' modulu dwar l-ekonomija ċirkolari u l-użu effiċjenti tar-riżorsi, isostni t-tixrid ta' ħiliet li huma essenzjali għall-era industrijali diġitali u għal ekonomija effiċjenti fir-riżorsi, kif meħtieġ mill-Artikolu 7(2) tar-Regolament (UE) 2021/691.

Il-modulu dwar l-ekonomija ċirkolari u l-effiċjenza fir-riżorsi, li oriġinarjament ġie żviluppat għall-eks ħaddiema tal-iSwissport (EGF/2020/005 BE)[32], issa huwa parti mill-offerta ta' taħriġ standard tal-Le Forem, kofinanzjata mill-FSE+. Bħala tali, mhuwiex inkluż fil-baġit ta' din il-proposta.

Barra minn hekk, il-modulu tal-ekonomija ċirkolari huwa ssupplimentat minn modulu tal-ekonomija soċjali, li wkoll ġie żviluppat fl-ambitu ta' każ tal-FEG[33].

35. L-azzjonijiet proposti u deskritti hawnhekk jikkostitwixxu miżuri ta' politika attiva tas-suq tax-xogħol fl-ambitu tal-azzjonijiet eliġibbli stipulati fl-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) 2021/691. Dawn l-azzjonijiet ma jieħdux post il-miżuri passivi ta' protezzjoni soċjali.

36. Il-Belġju ta l-informazzjoni meħtieġa dwar il-miżuri li huma obbligatorji għall-intrapriża kkonċernata permezz tal-liġi nazzjonali jew skont il-ftehimiet kollettivi. F'konformità mal-Artikolu 9(1) tar-Regolament (UE) 2021/691, il-Belġju kkonferma li dawn il-miżuri ma humiex se jiġu sostitwiti b'kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG.

*Baġit stmat*

37. Il-kostijiet totali stmati huma ta' EUR 4 495 836, li jinkludu nefqa ta' EUR 4 441 774 għal servizzi personalizzati u nefqa ta' EUR 54 062 għal attivitajiet ta' tħejjija, ta' ġestjoni, ta' informazzjoni u pubbliċità, ta' kontroll, u ta' rapportar.

38. Il-kontribuzzjoni finanzjarja totali mitluba mill-FEG hija ta' EUR 3 821 460 (85 % tal-kostijiet totali).

---

[31] Lista ta' impjiegi li hemm domanda għalihom u li diffiċli jiġu koperti jew marbutin ma' funzjonijiet kritiċi (« Métiers en tension de recrutement en Wallonie. Liste des métiers/fonctions critiques et en pénurie ». Le Forem 2025-2026).

[32] COM(2021) 212.

[33] EGF/2022/002 BE/TNT- COM(2023) 69

39. Skont l-Artikolu 8(7), il-punt (m), tar-Regolament (UE) 2021/691, il-Belġju speċifika li l-prefinanzjament u l-kofinanzjament nazzjonali huma pprovduti mil-Le Forem u mir-Région Wallonne.

| Miżuri | Għadd stmat ta' parteċipanti | Kost stmat għal kull parteċipant *(EUR)*[34] | Kostijiet totali stmati *(EUR)*[35] |
|---|---|---|---|
| Servizzi personalizzati (miżuri skont l-Artikolu 7(2), it-tieni subparagrafu, il-punt (a), tar-Regolament (UE) 2021/691) | | | |
| Servizzi ta' informazzjoni, gwida okkupazzjonali, u assistenza għar-rikollokament (*reconversion: accompagnement/orientation/mobilisation)* | 1 010 | 2 860 | 2 874 558 |
| Ċertifikazzjoni tal-ħiliet (v*alidation des compétences)* | 150 | 133 | 20 000 |
| Taħriġ u taħriġ mill-ġdid (*formations et modules spécifiques)* | 500 | 937 | 468 800 |
| Appoġġ għall-ħolqien ta' negozju (*accompagnement entrepreneuriat)* | 50 | 2 350 | 117 503 |
| Kontribuzzjoni għall-bidu ta' negozju *(bourse de lancement)* | 45 | 10 000 | 450 000 |
| Subtotal (a):<br>Perċentwal tal-pakkett ta' servizzi personalizzati | – | | 3 930 861<br>(88,50 %) |
| Allowances u inċentivi (miżuri skont l-Artikolu 7(2), it-tieni subparagrafu, il-punt (b), tar-Regolament (UE) 2021/691) | | | |
| Inċentivi u allowances (*allocation de recherche d'emploi, allocation de reprise d'études, allocation d'entrepreneuriat)* | 1 005 | 508 | 510 913 |
| Subtotal (b):<br>Perċentwal tal-pakkett ta' servizzi personalizzati: | – | | 510 913<br>(11,50 %) |
| Attivitajiet skont l-Artikolu 7(5) tar-Regolament (UE) 2021/691 | | | |
| 1. Attivitajiet ta' tħejjija | – | | 0 |
| 2. Ġestjoni | – | | 13 260 |
| 3. Informazzjoni u pubbliċità | – | | 5 000 |

[34] Biex jiġu evitati d-deċimali, ġew ittondjati l-kostijiet stmati għal kull ħaddiem. Madankollu, l-ittondjar ma għandu l-ebda impatt fuq il-kost totali ta' kull miżura, li jibqa' bħalma hemm fl-applikazzjoni sottomessa mill-Belġju.

[35] It-totali ma jaqblux minħabba l-ittondjar.

| | | |
|---|---|---|
| 4. Kontroll u rapportar | – | 35 802 |
| Subtotal (c):<br>Perċentwal tal-kostijiet totali: | – | 54 062<br>(1,20 %) |
| Kostijiet totali (a + b + c): | – | 4 495 836 |
| Kontribuzzjoni tal-FEG (85 % tal-kostijiet totali) | – | 3 821 460 |

40. Il-kostijiet tal-miżuri identifikati fit-tabella ta' hawn fuq bħala miżuri skont l-Artikolu 7(2), it-tieni subparagrafu, il-punt (b), tar-Regolament (UE) 2021/691 ma jaqbżux il-35 % tal-kostijiet totali tal-pakkett koordinat ta' servizzi personalizzati. Il-Belġju kkonferma li dawn il-miżuri huma kondizzjonali għall-parteċipazzjoni attiva tal-benefiċjarji fil-mira f'attivitajiet ta' tiftix ta' impjieg jew ta' taħriġ.

41. F'konformità mal-Artikolu 7(2), ir-raba' subparagrafu, tar-Regolament (UE) 2021/691, il-Belġju kkonferma li l-kostijiet tal-investimenti għall-impjieg indipendenti, għall-intrapriżi start-up u għall-akkwiżizzjoni maġġoritarja mill-impjegati ma humiex se jaqbżu t-EUR 22 000 għal kull benefiċjarju.

*Perjodu ta' eliġibbiltà tan-nefqa*

42. Il-Belġju beda jipprovdi s-servizzi personalizzati lill-benefiċjarji fil-mira fil-1 ta' Settembru 2025. In-nefqa fuq il-miżuri għalhekk se tkun eliġibbli għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG mill-1 ta' Settembru 2025 sa 24 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni ta' Finanzjament.

43. Il-Belġju beda jsostni n-nefqa amministrattiva biex jimplimenta l-FEG fid-9 ta' April 2025. In-nefqa għall-attivitajiet ta' tħejjija, ġestjoni, informazzjoni u pubbliċità, kif ukoll dawk ta' kontroll u rappurtar għandha għalhekk tkun eliġibbli għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG mid-9 ta' April 2025 sa 31 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni ta' Finanzjament.

**Sistemi ta' ġestjoni u kontroll**

44. L-applikazzjoni fiha deskrizzjoni tas-sistema ta' ġestjoni u kontroll meħtieġa skont l-Artikolu 23 tar-Regolament (UE) 2021/691, li tispeċifika r-responsabbiltajiet tal-korpi involuti. Il-Belġju nnotifika lill-Kummissjoni li l-kontribuzzjoni finanzjarja se tkun ġestita u kkontrollata mill-istess korpi li jimmaniġġaw u jikkontrollaw l-FSE+ f'Wallonia.

**Impenji provduti mill-Istat Membru kkonċernat**

45. Il-Belġju ta l-assigurazzjonijiet kollha meħtieġa fir-rigward ta' dan li ġej:

– il-prinċipji tat-trattament ugwali u tan-nondiskriminazzjoni se jiġu rispettati fl-aċċess għall-miżuri proposti u għall-implimentazzjoni tagħhom,

– ir-rekwiżiti stabbiliti fil-leġiżlazzjoni nazzjonali u tal-UE dwar is-sensji kollettivi jkunu ġew issodisfati,

– kwalunkwe finanzjament doppju se jiġi prevenut,

– il-kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG se tikkonforma mar-regoli proċedurali u materjali tal-Unjoni dwar l-għajnuna mill-Istat.

**IMPLIKAZZJONI BAĠITARJA**

**Proposta baġitarja**

46. Il-FEG ma għandux jaqbeż ammont annwali massimu ta' EUR 30 miljun (il-prezzijiet tal-2018), kif stabbilit fl-Artikolu 8 tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2093 tas-17 ta' Diċembru 2020 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027[36].

47. Wara li eżaminat l-applikazzjoni fir-rigward tal-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 13(1) u (2) tar-Regolament (UE) 2021/691, u wara li qieset l-għadd ta' benefiċjarji fil-mira, il-miżuri proposti u l-kostijiet stmati, il-Kummissjoni tipproponi li jiġi mmobilizzat il-FEG għall-ammont ta' EUR 3 821 460, li jirrappreżenta 85 % tal-kostijiet totali tal-miżuri proposti, sabiex tingħata kontribuzzjoni finanzjarja għall-applikazzjoni.

48. Id-deċiżjoni proposta għall-mobilizzazzjoni tal-FEG se tittieħed b'mod konġunt mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill skont l-Artikolu 15(1), l-ewwel subparagrafu, it-tieni sentenza, tar-Regolament (UE) 2021/691, u kif stabbilit fil-punt 9 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-16 ta' Diċembru 2020 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji baġitarji u dwar ġestjoni finanzjarja tajba, kif ukoll dwar riżorsi proprji ġodda, inkluż pjan direzzjonali lejn l-introduzzjoni ta' riżorsi proprji ġodda[37].

**Atti relatati**

49. Fl-istess ħin li tippreżenta din il-proposta għal deċiżjoni biex timmobilizza l-FEG, il-Kummissjoni se tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill proposta biex tittrasferixxi l-ammont ta' EUR 3 821 460 għal-linja baġitarja rilevanti.

50. Fl-istess waqt li adottat din il-proposta għal deċiżjoni biex jiġi mobilizzat il-FEG, il-Kummissjoni adottat deċiżjoni dwar kontribuzzjoni finanzjarja li tikkostitwixxi deċiżjoni ta' finanzjament skont it-tifsira tal-Artikolu 110 tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509[38]. Dik id-deċiżjoni ta' finanzjament se tidħol fis-seħħ fid-data li fiha l-Kummissjoni tiġi notifikata bl-approvazzjoni tat-trasferiment baġitarju mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill skont l-Artikolu 15(2), l-ewwel subparagrafu, tar-Regolament (UE) 2021/691.

---

36 ĠU L 433 I, 22.12.2020, p. 11, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2020/2093/oj.

37 ĠU L 433 I, 22.12.2020, p. 28, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_interinstit/2020/1222/oj.

38 Ir-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2024 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (riformulazzjoni), ĠU L, 2024/2509, 26.9.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2509/oj.

2026/0197 (BUD)

Proposta għal

# DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

## dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati wara applikazzjoni mill-Belġju – EGF/2026/001 BE/Cora

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidraw ir-Regolament (UE) 2021/691 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 dwar il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati (FEG) u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1309/2013[39], u b'mod partikolari l-Artikolu 15(1), l-ewwel subparagrafu, tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-Ftehim Interistituzzjonali tas-16 ta' Diċembru 2020 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji baġitarji u dwar ġestjoni finanzjarja tajba, kif ukoll dwar riżorsi proprji ġodda, inkluż pjan direzzjonali lejn l-introduzzjoni ta' riżorsi proprji ġodda[40], u b'mod partikolari l-punt 9 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati (FEG) għandu l-għan li juri solidarjetà u jippromwovi impjiegi deċenti u sostenibbli fl-Unjoni billi jipprovdi appoġġ għall-ħaddiema ssensjati u għal persuni li jaħdmu għal rashom li l-attività tagħhom tkun waqfet fil-każ ta' avvenimenti ta' ristrutturar kbar u jgħinhom jirritornaw għal impjieg deċenti u sostenibbli mill-aktar fis possibbli.

(2) Il-FEG ma jistax jaqbeż l-ammont annwali massimu ta' EUR 30 miljun (fi prezzijiet tal-2018), kif stabbilit fl-Artikolu 8 tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2093[41] u fl-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) 2021/691.

(3) Fil-25 ta' Marzu 2026, il-Belġju ressaq applikazzjoni għall-mobilizzazzjoni tal-FEG f'konformità mal-Artikolu 8(1) tar-Regolament (UE) 2021/691, fir-rigward tas-sensji tal-ħaddiema fil-Cora SA fil-Belġju u fornitur wieħed fil-Belġju. Din ġiet issupplimentata b'informazzjoni addizzjonali pprovduta f'konformità mal-Artikolu 8(5) tar-Regolament (UE) 2021/691. Dik l-applikazzjoni titqies li tikkonforma mal-kundizzjonijiet għall-għoti ta' kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG kif stabbilit fl-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) 2021/691, abbażi tal-valutazzjoni li saret mill-Kummissjoni fil-Proposta għal deċiżjoni ta' mobilizzazzjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[42].

---

39 ĠU L 153, 3.5.2021, p. 48, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/691/oj.

40 ĠU L 433 I, 22.12.2020, p. 28, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_interinstit/2020/1222/oj.

41 Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2093 tas-17 ta' Diċembru 2020 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2021 sa 2027 (ĠU L 433 I, 22.12.2020, p. 11, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2020/2093/oj).

42 COM(2026)155.

(4) Għalhekk, jenħtieġ li l-FEG jiġi mmobilizzat biex jipprovdi kontribuzzjoni finanzjarja ta' EUR 3 821 460 fir-rigward tal-applikazzjoni sottomessa mill-Belġju.

(5) Sabiex jiġi minimizzat iż-żmien li jittieħed biex jiġi mobilizzat l-FEG, jenħtieġ li din id-Deċiżjoni tapplika mid-data tal-adozzjoni tagħha,

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Għall-baġit ġenerali tal-Unjoni għas-sena finanzjarja 2026, il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati għandu jiġi mmobilizzat biex jipprovdi l-ammont ta' EUR 3 821 460 f'approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Għandha tapplika minn [*id-data tal-adozzjoni tagħha*][*].

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Parlament Ewropew*
*Il-President*

*Għall-Kunsill*
*Il-President*

[*] Id-data trid tiddaħħal mill-Parlament qabel il-pubblikazzjoni fil-ĠU.